



# KARTA TAL-ERASMUS GĦALL-EDUKAZZJONI GĦOLJA 2014–2020

*Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tikkonferixxi din il-Karta lil:*

## ISTITUZZJONI GĦALL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

### Din l-Istituzzjoni tintrabat li tosserva l-prinċipji li ġejjin:

- + Tosserva bis-sħiħ il-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni stipulati fil-Programm u tiżgura l-aċċess u l-opportunitajiet ugwali għall-parteċipanti mobbli minn kull sfond.
- + Tiżgura rikonoxximent sħiħ għal attivitajiet ta' mobiltà tal-istudju mwettqa b'mod sodisfaċenti u, fejn possibbli, apprendistati f'termini ta' kretti mogħtija (ECTS jew sistema kompatibbli). Tiżgura l-inklużjoni ta' studju u/jew attivitajiet ta' mobiltà tal-apprendistat mwettaq b'mod sodisfaċenti, fit-traskritt finali tal-kisbiet tal-istudent (Suppliment għad-Diploma jew ekwivalenti).
- + Ma żżommx h̄las, fil-każ tal-mobiltà tal-kretti, lill-istudenti mobbli li qed tilqa' għandha, għat-tagħlim, ir-reġistrazzjoni, l-eżamijiet jew l-aċċess għall-faċilitajiet tal-laboratorju u tal-librerija.

L-istituzzjoni tintrabat ukoll li:

### - Waqt il-Parteċipazzjoni f'Attivitajiet ta' Mobiltà -

#### Qabel il-Mobiltà

- + Tippubblika u taġġorna regolarment il-katalogu tal-korsijiet fuq is-sit tal-Istituzzjoni sew minn qabel ma jibdew il-perjodi ta' mobiltà, f'għeħ it-trasparenza mal-partijiet kollha u sabiex l-istudenti mobbli jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati kif xieraq dwar il-korsijiet li se jsegwu.
- + Twettaq il-mobiltà biss fil-qafas ta' ftehimiet minn qabel bejn l-istituzzjonijiet. Dawn il-ftehimiet jistabbilixxu r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet differenti, kif ukoll l-impenn tagħhom lejn kriterji kondiviżi ta' kwalità fl-għażla u t-tnejn tal-parteċipanti mobbli u kif jintlaqgħu u jiġu integrati.
- + Tiżgura li l-parteċipanti mobbli li se jntraju lejn istituzzjoni jew intrapriża oħra jkunu mħejjija sew għall-mobiltà, inkluż li jkunu laħqu l-livell meħtieġ ta' h̄la lingwistika.
- + Tiżgura li l-mobiltà tal-istudenti u tal-persunal għal għanijiet ta' edukazzjoni u taħriġ tissejjes fuq ftehim ta' tagħlim għall-istudenti u ftehim ta' mobiltà għall-persunal invalidat minn qabel bejn l-istituzzjonijiet jew intrapriżi domestiċi u ospitanti u l-parteċipanti mobbli.
- + Tagħti l-għajnuna biex jinkisbu l-viżi, meta meħtieġa, għal parteċipanti mobbli kollha.
- + Tagħti l-għajnuna biex tinkiseb l-assikurazzjoni, meta meħtieġa, għal parteċipanti mobbli kollha.
- + Tagħti l-għajnuna lill-parteċipanti mobbli ospitati biex isibu fejn joqgħodu.

#### Waqt il-Mobiltà

- + Tiżgura trattament akkademiku u servizzi ugwali lill-istudenti u l-persunal domestiku u lill-parteċipanti mobbli ospitati.
- + Tintegra lill-parteċipanti mobbli ospitati fil-ħajja ta' kuljum tal-Istituzzjoni.
- + Timplimenta arranġamenti xierqa ta' mentoring u appoġġ għall-parteċipanti mobbli,
- + Tippovdi appoġġ lingwistiku xieraq għall-parteċipanti mobbli ospitati.

### Wara l-Mobiltà

- + Taċċetta l-attivitajiet kollha indikati fil-ftehim tat-tagħlim bħala li jgħoddu għal-lawrija, dejjem sakemm ikunu tlestew b'mod sodisfaċenti minn dawn l-istudenti mobbli.
- + Tippovdi lill-parteċipanti mobbli ospitati u lill-istituzzjonijiet domestiċi tagħhom bi traskritti li jirreġistraw bis-sħiħ, bir-reqqa u b'mod aġġornat il-kisbiet tagħhom fi tmiem il-perjodu ta' mobiltà.
- + Tappoġġa r-reintegrazzjoni tal-parteċipanti mobbli u tagħtihom l-opportunità, malli jaslu lura, biex jibnu fuq l-esperjenzi tagħhom għall-benefiċċju tal-Istituzzjoni u ta' sħabhom.
- + Tiżgura li l-persunal jingħata rikonoxximent għall-attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim li jwettqu waqt il-perjodu ta' mobiltà, skont ftehim ta' mobiltà.

### - Waqt il-Parteċipazzjoni fi Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropej u Internazzjonali -

- + Tiżgura li l-kooperazzjoni twassal għal eżiti sostenibbli u bbilanċjati għas-sħab kollha.
- + Tagħti appoġġ rilevanti lill-persunal u lill-istudenti li jjeħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.
- + Tisfrutta r-riżultati tal-proġetti b'tali mod li jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom fuq l-individwi u fuq l-istituzzjonijiet li qed jjeħdu sehem u thegħeġ it-tagħlim fost il-pari mal-komunità akkademika usa'.

### - Għall-Għanijiet tal-Viżibilità -

- + Turi prominentament fuq is-sit elettroniku tagħha din il-Karta u d-Dikjarazzjoni tal-Politika tal-Erasmus.
- + Tippromwovi konsistentement attivitajiet appoġġati mill-Programm, flimkien mar-riżultati tagħhom.

*F'isem l-Istituzzjoni, nirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Karta se tiġi ssorveljata u li kull ksur ta' kwalunkwe mill-prinċipji u l-impenji msemmija fuq jista' jwassal għall-irtirar tagħha mill-Kummissjoni Ewropea.*

- iffirmat -

ISEM  
Rappreżentant Legali

Kodiċi Erasmus